MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 1046/2000/1

**Cutrico Services Limited**

**vs**

**Mauro Pace Parascandolo u b'digriet tal-31 t'Ottubru, 2000, Zurrieq Football Club kjamat in kawza**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Lulju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 t'Awissu tas-sena 2000 li permezz tieghu sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u erbghin liri Maltin, prezz ta’ “airconditioning unit” tal-marka Airwell XLM24R minnu ordnat u lilu mibjugha u kkonsenjat fiz-Zurrieq Football Club;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta’ Mejju 2000 u bl-imghaxijiet legali mit-8 ta’ Mejju 2000 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;

Rat l-eccezzjonijiet datati t-13 t’Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghhom il-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont ma hu dovut mill-konvenut personalment lis-socjeta’ attrici stante illi huwa qatt ma kuntratta maghha fil-kapacitajiet tieghu personali izda f’isem u fl-interess taz-Zurrieq Football Club u di piu, kif jirrizulta mill-istess att ta’ l-avviz, l-konsenja saret lill-istess Zurrieq Football Club tant illi huwa qatt ma ffirma li ricieva l-konsenja;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hux il-legittimu kuntradittur tas-socjeta’ attrici stante illi rezenja mill-kariga tieghu fi hdan Zurrieq Football Club u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-digriet taghha datat il-31 ta’ Ottubru tas-sena 2000 li permezz tieghu ordnat il-kjamata in kawza ta’ “Zurrieq Football Club”;

Innotat li l-istess socjeta’ sportiva riferita fil-paragrafu precedenti baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti prezentati;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-konvenut Pace Parascandoli kien ikkomunika mas-socjeta' attrici u ordna minn ghandha "air conditioner" li kellu jigi installat specifikament ghand l-assocjazzjoni kjamata in kawza;

2. Illi in effetti hu kien inkarigat espressament biex jghamel dan minhabba l-fatt li kien kunsillier tal-lokalita' taz-Zurrieq u li dan l-inkarigu nghatalu specifikament mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni li ried jghin lill-istess assocjazzjoni sportiva;

3. Illi l-ordni tal-"air conditioner" gie ezegwit u in effetti dan gie installat ghand l-assocjazzjoni beneficjarja;

4. Illi l-valur ta' l-imsemmi apparat jammonta ghall-sitt mija u erbghin Lira Maltin, (LM640.00,0), liema ammont ghadu ma thallasx;

Ikkonsidrat:

Illi in effetti l-essenzjalita' tal-fatti fuq deskritti kif jirrizultaw mix-xhieda prodotta jistabbilixxu s-segwenti:

1. Illi l-konvenut Pace Parascandolo kien gie inkarigat biex jeffettwa l-ordni ta' l-apparat in dizmaina mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni;

2. Illi l-imsemmi Dipartiment kien ukoll ta' struzzjonijiet specifici lill-konvenut fuq indikat li l-apparat de quo kellu jigi installat f'post specifiku;

3. Illi l-konvenut indikat kien biss qed jagixxi bhala mandatarju tad-Dipartiment involut;

4. Illi l-assocjazzjoni sportiva de quo kienet biss il-beneficjarja tal-generozita' lejha indirizzata mid-Dipartiment fuq indikat;

5. Illi ghalhekk hu pacifiku li l-ordni ta' l-apparat de quo hi responsabbli ghaliha biss id-Dipartiment gia' riferit;

Ghaldaqstant, din il-qorti tiddeciedi illi filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut Pace Parascandolo tiddikjara lill-istess konvenut u lill-assocjazzjoni sportiva kjamata in kawza liberati mill-osservanza tal-gudizzju u konsegwentement tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez."

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` attrici bl-aggravju illi, koncizament, jammonta ghall-kritika tal-mod kif l-ewwel Qorti apprendiet il-provi u bbazat il-konsiderandi taghha fuq dawn l-istess provi. Hi tilmenta li mill-fatti processwali kellu jkun car illi l-konvenut appellat kien dak li nnegozja maghha ghax-xiri tal-"air-conditioning unit", eventwalment installat fiz-Zurrieq Football Club, u din allura kellha titqies bhala l-unika relazzjoni guridika possibbli. Tikkontendi ghalhekk li l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti hi ghal kollox infondata.

La l-konvenut u lanqas l-imsejjah fil-kawza ma wiegbu ghal dan l-aggravju. Dan ma jzommx pero` lil din il-Qorti milli taghmel analisi "ex novo" tal-provi biex tassikura li l-motivazzjoni additata mill-ewwel Qorti tikkorrispondiex, jew le, ghall-verita` sostanzjali tal-fatti prodotti u, fejn jokkorri, tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-qorti nferjuri b'dik taghha ghall-iskansar ta' xi ingustizzja manifesta.

Ri-ezaminati l-provi in atti din il-Qorti tistqarr li ma tistghax taqbel mal-analisi li l-ewwel Qorti ghamlet tal-provi u anzi tara li hu l-lok li tiddisturba l-konkluzjoni konfezzjonata fis-sentenza appellata.

Hi l-fehma tal-Qorti illi l-konvenut appellat naqas li jiskarika l-piz probatorju inkombenti fuqu li jsostni l-eccezzjonijiet tieghu illi l-kontrattazzjoni rigwardanti x-xiri

tal-apparat minghand is-socjeta` appellanti kienet qed issir fl-interess ta’ terzi ossija l-Club kjamat fil-kawza. Li hu zgur hu li r-rizultanzi processwali ma jsostnux id-deduzzjoni zbaljata ta’ l-ewwel Qorti illi l-konvenut kienet qed jagixxi ghan-nom tad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni. Mill-atti dan ma jirrizultax li hu hekk il-kaz u dan id-Dipartiment ma jiccentra assolutament xejn billi lanqas tramite l-konvenut ma ndahal biex jixtri l-apparat.

Dan premess, bhala punt ta’ principju in materja ta’ kontrattazzjonijiet jinsab pacifikament ricevut illi “hija haga minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f’isem haddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f’isem haddiehor”. (“**Frank Cilia nomine -vs- Charles Scicluna**”, Qorti Kummerc, 27 ta’ April 1992).

Issokta jigi precizat illi “l-prova kontrarja naturalment kellha tispetta l-persuna li kien qed jidher f’isem u ghan-nom ta’ haddiehor. Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qieghed jagixxi bhala mandatarju ta’ haddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien gie a konoxxenza tal-persuna li maghha jkun qieghed jikkontratta u dan sal-mument meta l-ftehim ikun gie finalizzat” – “**Lawrence Formosa et noe -vs- Silvio Felice**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 1999.

Mill-ezami taghha tal-fatti f’dan il-kaz din il-Qorti taghmel dan ir-ri-epilogu u osservazzjonijiet:-

(1) Indubbjament l-ordni ghax-xiri tal-airconditioning unit giet pjazzata mill-konvenut. Kien hu li ikkuntattja lis-Sales Manager tas-socjeta` appellanti u kien hu li ndirizza lil din is-socjeta` fejn ghandu jigi nstallat l-apparat. Ara ittra tieghu datata 26 ta’ April 1999 esebita a fol 18 tal-process;

(2) Minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi l-konvenut appellat kien gie kommissjonat jew inkarigat mill-Football Club biex jipprokura u jixtri dan l-apparat. Tant dan hu hekk li l-istqarrija tal-konvenut li hu ordna l-air conditioning

unit f'isem il-Club hi zmentita mill-istess Club. Ara ittra datata 2 ta' April 2000 tas-Segretarju tal-Club a fol 29 fejn dan informa lill-Avukati tas-socjeta` appellanti biex jidderiegu t-talba ghall-hlas lill-konvenut.

(3) Lanqas ma jirrizulta mid-dikjarazzjoni tal-istess konvenut illi meta u a tempo vergine hu nnegozja mas-socjeta` attrici appellanti gab a konjizzjoni taghha li hu kien qieghed jixtri ghan-nom u in rapprezentanza tal-Club. Kif drabi ohra rilevat, certament ma kienx bizzejjed illi l-appellant jafferma dak li kien apparentement maghruf lilu biss u cjoe` l-ezistenza ta' terzi. Ara a propozitu decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Grech -vs- Domenico Savio Spiteri et**", Appell, 25 ta' Mejju 2001.

(4) Jekk allura l-konvenut ma zvelax fil-mument opportun li kien qed jixtri ghan-nom ta' terzi ma jistax sussegwentement isostni li kien bhala fatt qed jikkontratta f'isem haddiehor. Ara "**Anthony Caruana et -vs- John Magro et**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999;

(5) Jekk il-konvenut ma hax kura li adegwatament jgharraf lis-socjeta` appellanti li hu kien biss semplici mandatarju u naqas ukoll li jipprova sodisfacentement il-fondament tal-eccezzjonijiet tieghu, ma jistghax jippretendi li hu mehlus mill-obbligu tieghu tal-hlas versu l-kumpanija venditrici bl-iskuza li tali hlas jispetta li jsir minn haddiehor u mhux minnu.

(6) Il-fatt biss li l-apparat gie installat fil-gym tal-Club ma ghandux taht l-ebda logika jfisser bilfors illi allura l-ordni saret fl-interess tal-Club, jew li l-konvenut gie hekk inkarigat mill-Club. L-ispjegazzjonijiet possibbli f'dan il-kuntest jistghu jkunu diversi u mhux necessarjament u dejjem li, ghalkemm fl-interess tal-Club, x-xiri sar fuq istruzzjonijiet tal-Club.

(7) Sewwa inghad illi "jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux ikun jew le apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm

dubbju pero`, wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju" – "**Formosa noe -vs- Felice**", ibid, 6 ta' Ottubru 1999.

Fil-kumpless tac-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha li ghall-kreditu reklamat mis-socjeta` appellanti ghandu jwiegeb il-konvenut appellat. Jekk hu mbaghad ihoss li ghandu dritt ta' rivalsa jista' dejjem jagixxi kontra dak li fil-fehma tieghu ghandu jirrispondi ghall-hlas.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tilqa' l-istess u konsegwentement tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fil-konfront tal-konvenut. Il-Club imsejjah fil-kawza hu liberat mill-osservanza ta' dan il-gudizzju. B'hekk in bazi ghal din il-konsiderazzjoni l-Qorti qed tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jigu sopportati mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------